MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Numru. 262/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**JOSEPH MARY DEBONO ta' 51 sena, iben Carmel u Maria Dolores nee' Fava, imwieled Qormi nhar id-29 ta' Awwissu, 1960, residenti fil-fond numru 5, Triq il-Biegha, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 592260M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Mary Debono** li gie akkuzat talli:

1. Bejn l-1 ta' Jannar, 1999 u l-31 ta' Mejju, 2001, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Waste Care Enterprise Limited, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm15,411.11 migbura mis-socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga misruqa, jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 6).

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-istess.

Rat ukoll l-ittra mibghuta mill-VAT Department ghal dawn il-proceduri, folio 14 – 15.

Rat il-Memorandum and Articles ezebiti a folio 17A.

Rat illi fil-mori tal-kawza, l-imputat talab diversi differimenti biex jaffettwa l-hlas tal-VAT dovuta.

Semghet ix-xhieda ta' Paul Scicluna ghall-VAT li kkonferma l-istess letter to prosecute minnu ffirmata, u spjega li l-imputat bhala sole director tal-kumpanija Waste Care Enterprises Ltd, naqas illi jhallas bhala VAT l-ammont ta' Lm15,411.11.

Rat illi rega' xehed Paul Scicluna (dan wara certu snin) li l-akkuzat ma kienx baqaghlu pendenzi mal-VAT Department.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat l-Artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawn si tratta ta' kaz car ta' misappropprijazzjoni ndebita, in kwantu l-flus migbura mill-imputat bhala VAT ma gewx minnu mhallsa lid-Dipartiment, vide dokumenti JC4 folio 144 – 153.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati ta' l-istess. Ikkunsidrat il-hlas affetwat (moghti z-zmien) u qieghda, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------